# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 8 ta' Novembru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Daniela Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Daniela Bugeja ta' 33 sena bint Publius u Josephine nee' Delmar imwielda Pieta' fil-15 ta' Settembru 1983 u toqghod 34 'Pearl', Triq L. Casolani, B'Kara, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 480483(M)

Billi akkuzata talli f'Awwissu 2008, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta'

*Intercomp Marketing Ltd,* ai terminu tal-artikoli 308, 309 u 310 tal Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprijat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' *Intercomp Marketing Ltd,* ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja, u rat li l-imputata iddikjarat li ma kellha l-ebda oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk deciza u ttratta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri m'humiex kontestati, u huma s-segwenti:

1. L-imputata xtrat laptop minghand is-socjeta Intercomp Marketing Ltd tal-valur ta' €1,385.98, u skond l-istess ftehim kellha thallsu lura b'pagamenti mensili ta' €79.99 fuq medda ta' tmintax (18)-il xahar.
2. Bi skrittura ohra li giet iffirmata l-istess gurnata li inxtara l-laptop, l-imputata awtorizzat lis-socjeta venditrici sabiex kull xahar, ghal tmintax (18)-il xahar tiehu mill-Quickcash card li l-imputata kellha mal-HSBC Bank is-somma ta' €79.99.

3. Pero meta s-socjeta venditrici ppruvat tghaddi t-tieni pagament u pagamenti sussegwenti, dawn il-pagamenti gew rifjutati mill-Bank, ghalkemm kien hemm seba' pagamenti li ghaddew mill-card.
4. Mill-provi rrizulta li l-imputata kellha biss kont wiehed mal-HSBC, u mid-dokumenti ezebiti mir-rapprezentant tal-istess Bank jirrizulta li l-imputata ma kienx ikollha flus bizzejjed fil-kont, biex ikopri l-ammont ta' €79.99, li hi kellha thallas kull xahar.
5. L-imputata ghamlet xi pagamenti ohra, u sad-data li fiha nbdew dawn il-proceduri kriminali hi kienet hallset €661.84, u kien ghad fadlilha taghti lis-socjeta venditrici l-ammont ta €724.04.
6. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, u cioe fis-seduta tal-10 ta' April 2017, l-Ufficjal Prosekutur informa l-Qorti, li s-socjeta venditrici kienet infurmatu li l-imputata kienet hallset l-ammont kollu minnha dovut, u ezebixxa l-korrispondenza relattiva.

<u>Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputata</u>

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrija tal-imputata u dak kollu li setghet qalet waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu.

<u>Il-Meritu</u>

L-imputata tinsab akkuzata bir-reati ta' truffa u misapproprjazzjoni.

Il-Qorti ma ghandhix dubbju li l-imputata kienet konsapevoli li fil-kont tal-Quickcash taghha ma kellhix fondi bizzejjed sabiex is-socjeta venditrici tiehu l-ammont li kellha tiehu kull xahar.

Il-Qorti tirreferi ghall-insenjament fil-kawza **Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul**, deciza fl-20 ta' Gunju 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk f'kawza fejn cheque gie *referred to drawer* ghax ma kienx hemm fondi bizzejjed fil-kont u l-imputat gie akkuzat bl-istess reati:

*"Fil-ligi taghna, element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cjoe dawk l-"artifizi" jew "raggiri" idonei li jinducu u li effettivament ikunu inducew lill-vittma fi zball – l-ingann – u li <u>b'konsegwenza ta' dak l-izball</u> il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent. Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei, b'artifizio wiehed ghandu jifhem:*

*"... ... ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effettuata sia simulando cioe che non esiste (per es. ricchezza, titoli, nome, qualita ecc_ sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cioe che esiste (per es., il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l-uso di una determinate cosa ecc)" (Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I Giuffre (Milano) 1986, p. 295);*

*L-istess awtur jiddefinixxi ir-raggir bil-mod segwenti:*

*"Il raggiro ... ... e un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita." (ibid);*

*Il-ligi taghna ma tirrikjedix il-messa in xena, cjoe li dawn l-artifizji jew raggiri jkunu xi haga kkomplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fosthom dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna bi kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom kontemplati fil-ligi taghna;*

[1] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*Pero, kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qliegh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh. Fi kliem l-awtur appena citat:*

*"Il consenso della vittma, carpito fraudolentemente caretterizza il reato (di truffa) e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittma perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col colere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitraria e percio non consentita, assunzione di poteri, che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi o raggiri riesce ad ottenere che la vittma si danneggi da se: consegni una cosa assuma, un'obbligazione, rinunzi ad un diritto ecc: compia in somma un atto di disposizione pregiudievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri" (op. cit., p. 293);*

Issa fil-kaz odjern, b'dak li ghamlet l-imputata, u cioe li awtorizzat lis-socjeta venditrici li tiehu l-flus kull xahar mill-kont tal-Quickcash taghha, induciet lis-socjeta venditrici f'ingann billi inducieta tifhem li hi kellha jew kien se jkollha flus bizzejjed fil-bank sabiex thallas ghal laptop li riedet tixtri. Konsegwenza ta' dan l-ingann, is-socjeta venditrici bieghtilha l-laptop, u b'hekk spiccat tilfet il-flus, ghax l-imputata ma hallsithiex l-bilanc tal-prezz. Konsegwentement, l-Qorti issib lill-imputata hatja tar-reat ta' truffa.

Rigward ir-reat ta' misappropprazzjoni. Fuq ir-reat ta' misapproprjazzjoni indebita, l-awtur **Luigi Majno**[2] jghid hekk:

*"**2649.** Gli elementi per la sussistenza del reato d'appropriazione indebita sono:*

*Che a taluna sia stata affidata o consegnata una cosa altrui per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato –*

*Che egli se la appropri in profitto di se o di un terzo, convertendola in uso proprio –*

*Che cioe abbia fatto con dolo"*[3]

---

[2] Ara **Commento al Codice Penale Parte II**, Verona 1894.

[3] *Op.cit.* fol. 347.

Ghalhekk, l-ewwel element ta' dan ir-reat hu li l-haga li tkun giet approprjata tkun giet konsenjata jew fdata lil min hadha taht it-titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghha jew li jsir minnha uzu specifikat. Issa fil-kaz odjern, is-socjeta venditrici bieghet il-laptop in kwistjoni lill-imputata, u l-imputata ma kellha l-ebda obbligu li tirrestitwih, imma li thallas il-prezz tieghu. Ghalhekk dan l-ewwel element tar-reat ta' misapproprjazzjoni indebita ma jirrizultax, u konsegwentement, din il-Qorti ma tistghax issib lill-imputata hatja ta' dan ir-reat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali aggiornata tal-imputata hija wahda netta.

Mir-rapport verbali tal-Probation Officer jirrizulta li l-imputata waqqfet l-pagamenti ghal kollox, meta hi saret taf li ghandha infezzjoni serja hafna, li hi kontrollata pero mhux kurabbli. Kagun t'hekk l-imputata ghamlet zewg perjodi twal hafna, tilghaba mal-mewt.

Irrizulta wkoll, li fil-mori ta' dawn il-proceduri – ghalkemm biss ftit xhur ilu – l-imputata hallset l-ammont kollu minnha dovut lis-socjeta venditrici.

Fix-xhieda u fir-rapport verbali taghha, il-Probation Officer osservat li ghalkemm l-imputata ghaddiet minn zmien turbulenti fl-adoloxxenza taghha, issa tidher li hi issetiljata. Ghandha impjieg full time, u tahdem bix-shift. Fil-prezent regghet qed tghix mal-genituri taghha u maghhom jghixu wkoll iz-zewg ulied il-kbar tal-imputata. Minn dan jidher li l-imputata diga ghandha l-hin taghha okkupat sew.

Ghalhekk, fir-rapport verbali taghha, il-Probation Officer ikkonkludiet hekk:
*"Ghaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni migubura jirrizulta li Daniela Bugeja hija kanditata idonea li twettaq Ordni ta' Servizz fil-Komunita. Biss, fic-cirkostanzi li tinsab fihom l-imsemmija, jidher li jkun aktar ta' beneficcju li tinghata Ordni ta' Probation, fejn tkun mghejjuna tghix hajja stabbli, filwaqt li tindirizza certu aspetti fil-hajja taghha, anke permezz ta' ghajnuna psikologika."*

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Ufficjal tal-Probation.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Issib lill-imputata mhux hatja tar-reati kontemplati fl-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed tilliberaha minnhom;
2. Wara li rat l-Artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tar-reati kontemplati f'dawn l-imputazzjonijiet, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqha skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.
3. Il-Qorti wissiet lil hatja bi kliem car jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk tonqos illi ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, hija tkun tista' tigi ikkundannata ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hatja esprimiet r-rieda taghha li tikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.
4. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**